# Stqarrija Għall-Media

kummissjoni djoċesana żgħażagħ

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 15/01/09 |
| **Ref:** | KDŻ 01/09 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## L-Evanġelizzazzjoni maż-żgħażagħ 16+
### *Sfida, Opportunità, Proposta*

Nhar is-Sibt 24 ta' Jannar 2009, Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) ser torganizza it-tielet Assemblea Ġenerali Ġenerali b'lenti fuq il-Pastorali maż-żgħażagħ bit-tema: L-Evanġelizzazzjoni maż-żgħażagħ 16+: Sfida, Opportunità u Proposta. L-għan ta' din l-Assemblea hu li id-diversi *youth leaders* flimkien ma' żgħażagħ impenjati u saċerdoti li jaħdmu maż-żgħażagħ jiddiskutu kif tista' ssir evanġelizzazzjoni effettiva ma' żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq.

Sabiex issir ħidma preliminari fuq dan is-suġġett, sena ilu ġie mwaqqaf *working group* b'rappreżentanza mill-KDŻ Malta, KDŻ Għawdex u l-Kummissjoni Kateketika. Dan il-*working group* ħadem fuq abbozz ta' dokument li ser jiġi diskuss dakinhar tal-Assemblea u kif ukoll f'erba' *focus groups* li ser isir fil-ġimgħat ta' wara l-Assemblea.

Il-kelliema prinċipali ta' din l-Assemblea ser ikunu Rev. Dr. Rene' Camilleri, Delegat tal-Arċisqof għall-katekeżi; Rev. Dr. Carl-Mario Sultana u Rev. Dr. Emanuel Magro, it-tnejn lekċerers fid-Dipartiment tal-Pastorali, Liturġija u Liġi Kanonika fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Univeristà ta' Malta. Huma ser jispjegaw il-punti prinċipali tal-abbozz kif ukoll ipoġġu quddiem dawk preżenti id-diversi sfidi li joħorġu minn din il-proposta.

L-Assemblea ser issir fis-sala taċ-ĊAK, Birkirkara bejn id-09.00 u n-12.30 u r-reġistrazzjoni tibda fit-08.00. Dawk kollha li huma nteressati li jattendu għandhom jibagħtu email fuq segreterija@kdz.org.mt. Aktar dettalji dwar din l-Assemblea jinsabu fis-sit www.kdz.org.mt.

TMIEM■■■■

flimkien għas-servizz taż-żgħażagħ